**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **474/2024 (AD)**

**MICHAEL ANGELO SIVE MICHAEL ZAMMIT**
**DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA' BIN-NUMRU 31156G**

**VS**

**L-AVUKAT TAL-ISTAT**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, għaxra (10) t'April 2025**

**Il-Qorti**:

1. Dan hi sentenza preliminari limitatament dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat fir-risposta tiegħu, u cioe: (a) illi r-rikorrent qed juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali sabiex jappella s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar (Għawdex) fl-ismijiet *Saviour Camilleri et vs Michael Angelo sive Michael Zammit* (Kawża Nru 4/2020 JPG) datata 29 ta' Settembru 2023 kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-tnax (12) t'April 2024; (b) illi r-rikorrent kellu rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tiegħu, u din il-Qorti għandha għalhekk tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat

kostituzzjonali / konvenzjonali tagħha; u (c) illi, ai termini tal-Artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tistax tagħti rimedju li ħa jaffettwa terzi li lanqas biss huma parti fil-kawża.

**Fatti tal-Każ**

2. Permezz ta' Rikors Kostituzzjonali datat sittax (16) t'Ottubru 2024, ir-rikorrent **Michael Angelo sive Michael Zammit** in suċċint ippremetta illi fil-proċeduri fil-kawża numru 4/2020 MS quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) fl-ismijiet ***Saviour Camilleri u Mario Camilleri vs Michael Angelo sive Michael Zammit*** kienu ġew leżi d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq kif garantit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Mata u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll id-dritt tiegħu għal *equality of arms*, u d-drittijiet tiegħu li jirriżultaw mill-prinċipji ta' *audi alteram partem, basic rules of natural justice*, *right of reply,* u/jew *right of correction*;

3. Għaldaqstant ir-rikorrent, għar-raġunijiet premessi, talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. Tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu suriferiti;

   ii. Tiddikjara illi bid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża bin-numru 4/2020 MS huwa sofra, qed isofri u ser jibqa' jsofri danni kemm materjali u kif ukoll mhux materjali;

   iii. Tiddikjara nulli u bla effett kemm is-sentenza li ngħatat mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fil-kawża bin-numru 4/2020 MS kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) li ngħatat konsegwentement; u

   iv. Tikkundanna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrent somma flus li għandha tiġi likwidata bħala ħlas dovuta lilu in linea ta' danni minnu sofferti;

4. B'digriet mogħti nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2024, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors kostituzzjonali lill-intimat Avukat tal-Istat, illi ngħata għoxrin (20) jum żmien min-notifika għar-risposta. Il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għall-Ġimgħa, disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2024;

5. Permezz ta' risposta datata ħdax (11) ta' Novembru 2024, l-**Avukat tal-Istat**, apparti numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, issolleva wkoll tliet eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, u cioe:

   a. *Fl-ewwel lok, minn qari tar-rikors promotur jidher illi r-rikorrenti permezz ta' dawn il-proċeduri qiegħed jimpunja s-sentenza tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar (Għawdex) fl-ismijiet* ***Saviour Camilleri et vs Michael Angelo sive Michael Zammit*** *(Kawża Nru 4/2020 JPG) datata 29 ta' Settembru 2023 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-12 t'April 2024 bl-istess ismijiet. Illi huwa ċar illi r-rikorrent qiegħed juża dawn il-proċeduri kostituzzjonali sabiex jappella it-tali sentenza iżda bħal kif inhu magħruf il-qrati kostituzzjonali m'humiex qrati ta' tielet istanza (ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali* ***Ġanni Attard vs L-Avukat Ġenerali et*** *deċiża 23 ta' Jannar 2024,* ***Dr Sergio D'Amico noe v. L-Awtorita' tax-Xandir et*** *deċiża 18 ta' Lulju 2022,* ***Ramon Fenech v. L-Avukat tal-Istat*** *deċiża 25 t'Ottubru 2023 u* ***Glenn Debattista vs l-Avukat tal-Istat et*** *deċiża 21 t'Ottubru 2024) u għaldaqstant it-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom ikunu miċħuda;*

   b. *Fit-tieni lok u preliminarjament huwa pależi illi r-rikorrent kellu rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tiegħu u għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali / konvenzjonali tagħha;*

   c. *Fit-tielet lok u preliminarjament u ai termini tal-artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din l-Onorabbli Qorti ma tistax tagħti rimedju li ħa jaffettwa terzi li lanqas biss huma parti fil-kawża;*

6. Waqt is-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2024, il-kawża ġiet differita għall-provi u trattazzjoni dwar dawn it-tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat, filwaqt illi fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Jannar 2025, wara li tressqu l-provi u saret it-trattazzjoni mill-partijiet, il-kawża ġiet differita għas-sentenza dwar l-istess tliet eċċezzjonijiet.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors Kostituzzjonali tar-rikorrent datat sittax (16) t'Ottubru 2024, u d-dokument anness miegħu;

8. Reġgħet rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat datata ħdax (11) ta' Novembru 2024;

9. Rat il-provi prodotti mill-partijiet rigward l-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat;

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-ewwel tliet eċċezzjonijiet sollevati mill-Avukat tal-Istat;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

**<u>Eċċezzjoni dwar jekk din il-Qorti hix qed tiġi mitluba taġixxi bħala Qorti ta' Reviżjoni</u>**

12. Fl-ewwel eċċezzjoni sollevata fir-risposta tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi illi minn qari tar-rikors promotur jidher illi r-rikorrent, permezz ta' dawn il-proċeduri, qed jipprova juża l-proċeduri kostituzzjonali sabiex jappella mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), kif konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-ismijiet

*Saviour Camilleri et vs Michael Angelo sive Michael Zammit* (Kawża Nru 4/2020 JPG);

13. Wara li fliet bir-reqqa r-rikors promotur, anke f'paragun mal-atti tal-Appell quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) esebiti bħala **Dok SD1** u l-atti quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) esebiti bħala **Dok SD2**, din il-Qorti ma ħadet l-ebda impressjoni għajr illi r-rikorrent ma qabilx mad-deċiżjoni tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) u dik sussegwenti tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), u għalhekk intavola l-kawża odjerna, fejn prova jgħatti l-pretensjonijiet tiegħu fl-istess żewġ istanzi wara l-paravento t'allegazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu;

14. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Nazzareno Muscat vs Avukat Ġenerali et***[1]:

> [...] *Ir-rikorrenti jistgħu ma jaqblux* [mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell]*, pero', mhux il-kompitu ta' din il-Qorti tirrevedi l-interpretazzjoni u l-apprezzament li qorti tal-fatt tkun għamlet.*
>
> *Mhux ir-rwol tal-Qrati b'kompetenza speċjali li jeżaminaw il-fatti li wasslu lill-Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja tiddeċiedi favur naħa jew oħra, għax altrimenti tkun qed taġixxi bħala Qorti tat-tielet jew raba' istanza. Mhux funzjoni tal-Prim Awla fil-kompetenza kostituzzjonali u "konvenzjonali" tagħha, u ta' din il-Qorti li jirrevedu allegati żbalji ta' xi Qorti oħra. Din il-Qorti għandha l-kompitu li teżamina u tiddeċiedi jekk <u>proċeduri</u> li żvolġew quddiem Qorti oħra segħux jivvjolaw xi dritt fundamentali.*

[1] Appell Ċivili Nru 59/2008/1, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju 2010

15. Hekk ukoll, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Sammut vs Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u l-Gvern Lokali et***[2], il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet:

> *29. Il-Qorti tibda billi tfakkar illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'humiex qrati tat-tielet jew raba' istanza u għalhekk m'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti, u lanqas ma kien il-kompitu tal-ewwel Qorti, illi tiddetermina jekk is-sentenza mogħtija fil-proċeduri kostituzzjonali oriġinarjament intavolati mill-appellant hijiex korretta fis-sustanza tagħha kif donnu jippretendi l-appellant.*

16. L-istess prinċipju huwa abbraċċjat ukoll mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-***Practical Guide on Admissibility Criteria*** pubblikat mill-Qorti Ewropea[3] jgħid:

> *348. One particular category of complaints submitted to the Court comprises what are commonly referred to as "fourth-instance" complaints. This term - which does not feature in the text of the Convention and has become established through the case-law of the Convention institutions (**Kemmache v. France (no. 3)**, 1994, § 44) - is somewhat paradoxical, as it places the emphasis on what the Court is not: it is not a court of appeal or a court which can quash rulings given by the courts in the States Parties to the Convention or retry cases heard by them, nor can it re-examine cases in the same way as a Supreme Court. Fourth-instance applications therefore stem from a misapprehension on the part of the applicants as to the Court's role and the nature of the judicial machinery established by the Convention.*

---

[2] Rik Nru 50/2017/1, Qorti Kostituzzjonali, 27 ta' Jannar 2021

[3] Council of Europea, *Practical Guide on Admissibility Criteria* <https://www.echr.coe.int/documents/d/echr/admissibility_guide_eng> Updated on 28 February 2023

*[...]*

*350. Accordingly, the Court's powers are limited to verifying the Contracting States' compliance with the human rights engagements they undertook in acceding to the Convention (and the Protocols thereto). Furthermore, in the absence of powers to intervene directly in the legal systems of the Contracting States, the Court must respect the autonomy of those legal systems. That means that it is not its task to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as such errors may have infringed rights and freedoms protected by the Convention. It may not itself assess the facts which have led a national court to adopt one decision rather than another. If it were otherwise, the Court would be acting as a court of third or fourth instance, which would be to disregard the limits imposed on its action (**García Ruiz v. Spain** [GC], 1999, § 28; **De Tommaso v. Italy** [GC], 2017, § 170).*

*351. In the light of the above considerations, the Court may not, as a general rule, question the findings and conclusions of the domestic courts as regards:*

- *the establishment of the facts of the case;*
- *the interpretation and application of domestic law;*
- *the admissibility and assessment of evidence at the trial;*
- *the substantive fairness of the outcome of a civil dispute;*
- *the guilt or innocence of the accused in criminal proceedings.*

> *352. The only circumstance in which the Court may, as an exception to this rule, question the findings and conclusions in question is where the latter are flagrantly and manifestly arbitrary, in a manner which flies in the face of justice and common sense and gives rise in itself to a violation of the Convention (***De Tommaso v. Italy*** *[GC], 2017, § 170;* ***Kononov v. Latvia*** *[GC], § 189).*

17. Dwar l-istess prinċipju, jirritjenu wkoll **Harris, O'Boyle u Warbrick**, fil-ktieb tagħhom ***Law of the European Convention on Human Rights***:

> *The Court, and formerly the Commission, has made it clear that it does not constitute a further court of appeal, ie a fourth instance ('quatrième instance'), from the decisions of national courts applying national law. In the words of the Court, 'it is not its function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and insofar as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention'* [*Garcia Ruiz v Spain* 1999-I; 31 EHRR 589 para 28]. *An application that merely claims without more that a national court has made an error of fact or law will be declared inadmissible ratione materiae.* [See, eg. *X v FRG No 2524/57,* 1 YB 150 at 152 (1957)] *[...] However, where the Court is called upon to determine the facts of a case in order to apply a Convention guarantee (eg whether there as inhuman treatment contrary to Article 3), it is not bound by the finding of facts at the national level* [See eg, *Ribitsch v. Austria* A 336 (1995); 21 EHRR 573]. *Where an application alleges that national law violates the Convention, the Strasbourg authorities will not in principle question the interpretation of that law by the national courts* [*X and Y v. Netherlands* A 91 (1985); 8

> EHHR 235 para 29]. *However, it may do so where the interpretation by the national court is 'arbitrary'* [See eg *Van Kuck v Germany* 2003-VII; 37 EHRR 973. See also *Von Hannover v Germany* 004-VI; 43 EHRR 139], *or where it is part of a Convention requirement that national law be complied with (eg that an arrest is 'lawful': Article 5(1))* [See eg *Lukanov v Bulgaria* 1997-II; 24 EHRR 121]. *Even so, it is very exceptional for the Court to disagree with any decision by a national court on its interpretation and application of its own national law* [*Winterwerp v Netherlands* A 33 (1979); 2 EHRR 387 para 46].[4]

18. Dan il-prinċipju jagħmel aktar u aktar sens meta jiġi kkonsidrat fil-prinċipju ta' *legal certainty*, illi l-Qorti Ewropea tiddiskrivih kif isegwi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Agrokompleks v. Ukraine***[5]:

> *1. The principle of legal certainty implies that no party is entitled to seek review of a final and binding judgment merely for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case. Review by higher courts should not be treated as an appeal in disguise, and the mere possibility of there being two views on the subject is not grounds for re-examination. A departure from that principle is justified only when made necessary by circumstances of a substantial and compelling character (see Ryabykh v. Russia, no. 52854/99, § 52, ECHR 2003-IX).*

19. Applikati l-prinċipji suċitati għall-każ odjern, din il-Qorti tqis illi filwaqt illi huwa minnu illi fir-rikors tiegħu r-rikorrent jagħmel referenza sporadika għal allegazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-

[4] Harris, O'Boyle u Warbrick, *Law of the European Convention on Human Rights* (Oxford, 2nd Edn, 2009) p. 14-15
[5] Appl Nr 23465/03, ECHR (5th Section) 6 t'Ottubru 2011

Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dak illi essenzjalment qiegħed jippretendi r-rikorrent huwa illi jiġu annullati s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex) u s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) illi kkonfermatha. Infatti, fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent in suċċint jibbaża l-argument tiegħu fuq is-segwenti fatturi:

a. Id-deċiżjoni tal-Ġudikant (illum Maġistrat) Dr Jean Paul Grech, illi ppresjeda fil-kawża nru 4/2020 MS / JPG, illi ma jirrikużax ruħu wara d-diversi rikorsi illi r-rikorrent intavola b'talba f'dan is-sens. Tajjeb illi jingħad illi jidher illi r-rikorrent kien talab illi l-istess Ġudikant jirrikuża ruħu <u>permezz ta' erba' rikorsi separati</u> peress illi l-Ġudikant jidher illi kien b'xi mod parentela ma' xhud illi tressqet fil-kawża, u għal kull rikors illi ġie ppreżentat, it-Tribunal ta digriet illi permezz tiegħu ċaħad it-talba tar-rikorrent u spjega illi ma kienet tissussisti l-ebda raġuni għal rikuża taħt l-Artikolu 734(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi, b'applikazzjoni tal-Artikolu 733 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-istess Tribunal ma kellux bażi sabiex jirrikuża ruħu[6]. Dan il-punt jidher illi tqajjem ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), stante illi, fid-deċiżjoni tagħha, l-istess Qorti qalet:

> *Din il-Qorti tqis li kieku wiehed kellu jaccetta l-argument tal-intimat allura tista tghid li ebda gudikant f'Malta ma jkun jista' jisma' kawza stante li b'xi mod kwazi kulhadd fuq il-gzejjer Maltin jigi minn xulxin almenu minn parenteli l-boghod in vista tac-cokon tal-pajjiz. Illi huwa rrilevanti kemm il-darba l-intimat issottometta l-istess rikors u talba quddiem it-Tribunal ghar-rikuza tal-gudikant stante li dak li ma kienx gustifikat fl-ewwel rikors baqa' mhux gustifikat fir-rikorsi sussegwenti u kjamarent*

[6] Vide *inter alia,* id-digriet tal-ħdax (11) ta' Jannar 2023 formanti parti minn **Dok SD2**.

*ir-rikorsi kienu qed isiru sabiex itawlu inutilment il-proceduri u xejn aktar.*

*Illi in oltre f'dan ir-rigward din il-Qorti in oltre ma rravizat l-ebda raguni valida fl-atti jew xi cirkustanza li fi kwalunkwe kaz kienet b'xi mod timmerita r-rikuza tal-gudikant abbazi tal-principju li l-gustizzja mhux biss trid issir imma trid tidher issir, ghalhekk tqis li dan l-aggravju fir-rikors tal-appell ukoll mhux gustifikat u ser tichad l-istess.*

Ir-rikorrent prattikament jikkopja u jwaħħal b'mod kważi identiku l-istess argumenti magħmula fir-rikors t'appell, fir-rikors promotur fil-kawża odjerna;

b. Il-fatt illi allegatament ma tħalliex jagħmel mistoqsijiet diretti lil xi xhieda, illi effettivament jirriżulta minn **Dok SD2** illi kienu xhieda tiegħu stess;

c. Il-fatt illi allegatament ma tħalliex jivverifika l-kontenut ta' xi dokumenti illi ġew esebiti in atti;

d. Il-fatt illi t-Tribunal ċaħad l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut illi la hu u lanqas missieru ma kienu leġittimi kontraditturi;

e. Illi t-Tribunal ħalla illi tingħata xhieda illi r-rikorrent qed isostni illi kienet *"fażulla w fittizzja w frawdolenti w li kienet saret bl-għan speċifiku li jiffrodaw lill-istess Esponent Rikorrenti [...] u li dan sar dejjem a benefiċċju esklussiv għall-istess Rikorrenti Camilleri fil-kawża"*;

f. Illi t-Tribunal ma qiesx l-affidavit tar-rikorrent bħala *"veritier u kostatazzjoni nnegabbli"* minkejja illi ma ġiex kontestat;

g. Illi *"l-istess Ġudikant Dr Jean Paul Grech LL.D ma kienx korrett fl-istess ġudizzju tiegħu meta baqa' dejjem jinjora w jinnega b'mod persistenti l-istess talba għall-Kjamati in Kawża speċjalment meta ma hemm xejn fl-*

*istess Liġijiet ta' Malta li jimpedixxi l-applikazzjoni w/jew l-addozzjoni ta' l-Artikolu 961 u ta' l-Artitkolu 962 u/jew xi Artitkolu ieħor tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fi proċedimenti li jseħħu quddiem l-istess Onorabbli Tribunal għal Talbiet Żgħar"*;

20. Inoltre, il-paragrafi enumerati 65 sa 70 tar-rikors odjern huma essenzjalment sottomissjonijiet tar-rikorrent dwar il-mertu tal-kawża miġjuba quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Għawdex), u raġunijiet illi għalihom huwa ħass illi kellha tingħata mit-Tribunal sentenza favorih;

21. Huwa evidenti illi dak illi qiegħed ifittex ir-rikorrent huwa illi jerġa' jsir apprezzament tal-provi mill-ġdid, u indaġini dwar l-ammissibilita' o meno tal-provi illi ġew prodotti quddiem it-Tribunal. Hekk kif rilevat anke fil-ġurisprudenza suriferita, dawn huma essenzjalment analiżi illi ma jaqgħux fil-kompetenza ta' din il-Qorti;

22. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tipproċedi u tiddisponi mill-każ odjern billi **<u>tilqa</u>'** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, u **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti għar-raġunijiet espressi f'din id-deċiżjoni.

**<u>It-Tieni u t-Tielet Eċċezzjonijiet ta' Natura Preliminari</u>**

23. Gialadarba qed tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat, din il-Qorti hija prekluża milli tkompli l-indaġini tagħha fir-rigward tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati, u sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ultejuri tagħhom.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

   i. **<u>Tilqa</u>'** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-Avukat tal-Istat;

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-Avukat tal-Istat; u

iii. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**